IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2013
COM(2013) 494 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Sħubijiet pubbliċi-privati fil-programm Orizzont 2020: għodda b'saħħitha sabiex twettaq l-innovazzjoni u t-tkabbir fl-Ewropa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Sħubijiet pubbliċi-privati fil-programm Orizzont 2020: għodda b'saħħitha sabiex twettaq l-innovazzjoni u t-tkabbir fl-Ewropa**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## 1. IL-KUNTEST POLITIKU

L-Ewropa għandha tinvesti aktar u aħjar fir-riċerka u l-innovazzjoni. Aktar riċerka u innovazzjoni huma kruċjali sabiex joħolqu tkabbir ekonomiku u impjiegi sostenibbli, u sabiex isaħħu l-kompetittività internazzjonali tal-Ewropa. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jgħinuna wkoll nindirizzaw sfidi ewlenin, fosthom il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-iżgurar ta' provvista stabbli ta' enerġija nadifa, u l-kost ta' popolazzjoni li qiegħda tixjieħ. Madankollu, il-progress lejn l-għan tal-Ewropa 2020 li 3% tal-PDG jiġi investit fir-Riċerka u l-Iżvilupp huwa kajman wisq, b'nuqqasijiet partikulari fl-investimenti privati.

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħed taħdem biex tindirizza dan in-nuqqas ta' investiment. L-istraġeija Ewropa 2020[1], u b'mod partikulari l-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni[2], qegħdin jipprovdu ambjent aħjar għall-innovazzjoni. Il-proposti tal-Kummisjsjoni għall-programm li jmiss tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont 2020[3], jipprevedu finanzjament tul il-katina kollha tal-valur, mir-riċerka fondamentali sal-introduzzjoni fis-suq.

Element ewlieni ta' Orizzont 2020 huwa l-proposta li l-UE tissieħeb mas-settur privat u mal-Istati Membri, fi sforzi komuni biex flimkien jiksbu riżultati li pajjiż wieħed jew kumpanija waħda x'aktarx ma jkunux jistgħu jiksbu waħedhom. Proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti sħubijiet pubbliċi-privati u pubbliċi-pubbliċi mal-Istati Membri fil-qafas ta' Orizzont 2020, huma mehmużin ma' din il-Komunikazzjoni.

Il-pakkett jirrappreżenta investiment totali, tul is-7 snin li ġejjin, ta' EUR 22 biljun, li minnhom EUR 8 biljun minn Orizzont 2020 se jirfdu EUR 10 biljun mill-industrija, u qrib l-EUR 4 biljun mill-Istati Membri. Dan se jipprovdi finanzjament kruċjali għal inizjattivi ta' riċerka u innovazzjoni li jkunu fuq skala kbira, iktar fit-tul, u riskjużi. Dawn huma essenzjali biex l-UE tkun minn ta' quddiem fis-setturi teknoloġiċi strateġiċi, globali u kompetittivi, li jipprovdu impjiegi ta' kwalità għolja (bħalissa iktar minn 4 miljun impjieg ta' dan it-tip), u li jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-għan tal-UE ta' 20% tal-PDG mill-manifatturar sal-2020. L-isħubijiet se jipprovdu benefiċċji kbar għas-soċjetà, fosthom inqas emissjonijiet tal-karbonju, alternattivi għall-fjuwils fossili, u trattamenti ġodda biex jiġġieldu l-mard marbut mal-faqar u t-theddida dejjem tikber tar-reżistenza antimikrobika.

Il-Kummissjoni qiegħda tressaq dawn il-proposti leġiżlattivi f'dan l-istadju sabiex id-deċiżjonijiet leġiżlattivi meħtieġa jkunu jistgħu jittieħdu f'waqthom, qabel ma l-isħubijiet jitniedu fil-bidu ta' Orizzont 2020. Il-proposti jwieġbu direttament is-sejħa mill-Kunsill

[1] COM(2010) 2020.
[2] COM(2010) 546.
[3] COM(2011) 808/809/810/811/812.

Ewropew li tingħata prijorità lill-impatt tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali fuq it-tkabbir u l-impjiegi.

Meħudin flimkien, dawn l-isħubijiet se jimplimentaw elementi ewlenin tal-Unjoni tal-Innovazzjoni u l-Politika Industrijali[4] tal-UE, kif ukoll tal-istrateġija dwar it-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali[5], u se jagħtu kontributi sostanzjali lill-politika tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-aġenda diġitali, it-trasport, is-saħħa u oqsma oħra.

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta wkoll l-approċċ tal-Kummissjoni lejn l-użu ta' forom oħra ta' sħubijiet pubbliċi-privati għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020. Strateġija għat-tisħiħ tal-pariri li tirċievi l-Kummissjoni mingħand l-industrija u partijiet interessati oħra permezz tal-Pjattaformi Ewropej għat-Teknoloġija, kif ukoll mingħand it-*task forces* dwar il-politika industrijali, se titressaq fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li ġejjin.

## 2. IL-ĦTIEĠA TA' SĦUBIJIET PUBBLIĊI-PRIVATI FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma attivitajiet ta' riskju għoli, u ma fihom l-ebda garanzija ta' suċċess. Jekk ir-riskju ta' falliment ikun kbir wisq, is-settur privat aktarx li ma jkunx lest li jinvesti, anki fejn il-kumpens ekonomiku u soċjetali potenzjalment jista' jkun kbir ħafna. Barra minn hekk, il-benefiċċji ekonomiċi tal-investimenti fir-riċerka jistgħu jinħatfu minn ħaddieħor, b'mod li l-kumpaniji individwali aktarx li ma jkunux lesti li jinvestu, jew jista' jkun hemm raġunijiet konvinċenti ta' politika li jillimitaw id-daqs tas-suq, u miegħu l-kumpens potenzjali (ngħidu aħna, fl-iżvilupp ta' antibijotiċi ġodda fejn ikun qed jikber it-tħassib tar-reżistenza antimikrobika).

Dawn il-fallimenti ġenerali tas-suq jipprovdu loġika qawwija favur l-appoġġ pubbliku għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni privati. Madankollu, f'għadd ta' każijiet, l-importanza tas-setturi, il-kumplessità tal-isfidi u tat-teknoloġiji, il-perjodi twal involuti, u l-iskala tal-investiment meħtieġ, huma tali li l-appoġġ pubbliku għall-proġetti individwali ma jkunx effettiv. Huwa f'dawn il-każijiet li hemm il-ħtieġa ta' sħubijiet strutturati bejn is-settur pubbliku u dak privat, sabiex jiżviluppaw, jiffinanzjaw u jimplimentaw b'mod konġunt aġendi ambizzjużi ta' riċerkja u innovazzjoni. Għal din ir-raġuni, is-sħubijiet pubbliċi-privati fir-riċerka qegħdin jintużaw dejjem aktar mill-fassala tal-politika madwar id-dinja, bħala għodda li tagħti r-riżultati fl-aġendi ta' tkabbir tagħhom.

Għas-setturi li joperaw fil-livell Ewropew u fil-livell internazzjonali, u fejn l-iskala tal-investimenti tkun kbira wisq għall-mezzi tal-Istati Membri individwali, l-aktar approċċ effettiv ikun li jiġu stabbiliti sħubijiet fil-livell tal-UE. B'mod aktar speċifiku, is-sħubijiet pubbliċi-privati fir-riċerka u l-innovazzjoni jippprovdu għodod b'saħħithom u tabilħaqq meħtieġa, li jagħtu riżultati li jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-għanijiet ta' Orizzont 2020, għal għadd ta' raġunijiet:

– Jippermettu approċċ strateġiku fit-tul għar-riċerka u l-innovazzjoni, u jnaqqsu l-inċertezzi billi jagħtu lok għal impenji fit-tul;

– Jipprovdu struttura legali għall-qsim tar-riżorsi u għall-ġbir ta' massa kritika, li tippermetti skala ta' sforzi li l-kumpaniji individwali ma jkunux jistgħu jiksbu waħedhom, inkluż permezz ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, u tal-kombinazzjoni ta' finanzjament mingħand Orizzont 2020 u l-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej.

[4] COM(2012) 582.
[5] COM(2012) 341.

– Irendu aktar effiċjenti l-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-UE kollha, billi jinqasmu r-riżorsi finanzjarji, umani u ta' infrastruttura, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' frammentazzjoni filwaqt li jinħolqu ekonomiji ta' skala u kostijiet imnaqqsa għall-imsieħba kollha involuti;

– Jistgħu jindirizzaw aħjar sfidi kumplessi, huma u jiżviluppaw approċċi interdixxiplinarji, u jagħtu lok għal qsim aktar effiċjenti tal-għarfien espert;

– Jiffaċilitaw il-ħolqien ta' suq intern għal prodotti u servizzi innovattivi, billi jaġixxu b'mod konġunt fuq kwistjonijiet bħall-aċċess għall-finanzjament, l-istandarizzazzjoni u l-istipular ta' normi;

– Jippermettu lit-teknoloġiji innovattivi jidħlu aktar malajr fis-suq, inkluż billi jippermettu lill-kumpaniji jikkollaboraw u jaqsmu informazzjoni, b'mod li l-proċess ta' tagħlim jitħaffef ukoll;

– Jistgħu jipprovdu l-qafas it-tajjeb biex il-kumpaniji internazzjonali jankraw l-investimenti tagħhom fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa, u jgawdu minn vantaġġi Ewropej, fosthom forza tax-xogħol imħarrġa, diversità ta' approċċi, u kreattività settorjali; u

– Jippermettu l-iskala meħtieġa ta' riċerka u innovazzjoni biex jiġu indirizzati sfidi soċjetali kritiċi, u biex jinkisbu għanijiet ewlenin ta' politika fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020.

## 3. Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti: it-tagħlim miksub

Is-sħubijiet pubbliċi-privati fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell tal-UE ġew introdotti għall-ewwel darba fis-7 Programm Kwadru (FP7) li għaddej bħalissa. Forma ewlenija ta' implimentazzjoni kienet permezz tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (ITKs), li bihom l-Unjoni u l-industrija jiffinanzjaw flimkien u jimplimentaw ċerti oqsma tal-FP7. L-ITKs jiġu implimentati permezz ta' entitajiet legali ddedikati - Impriżi Konġunti - stabbiliti skont dak li kien l-ewkivalenti għall-Artikolu 187 attwali tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Ħames JTIs ġew stabbiliti fil-qafas tal-FP7, fl-oqsma tal-ajrunawtika (Clean Sky), ir-riċerka farmaċewtika (l-Inizjattiva tal-Mediċini Alternattivi), iċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu (FCH), is-sistemi integrati ("embedded", eż. ARTEMIS), u n-nanoelettronika (ENIAC). Dawn huma kollha soġġetti għall-monitoraġġ, ir-reviżjoni u l-evalwazzjoni[6]. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni"[7] ġabret u analizzat dawn l-esperjenzi, u indikat kemm il-kisbiet ewlenin kif ukoll rakkomandazzjonijiet għal aktar titjib.

F'termini tal-kisbiet, ġie nnutat li s-sħubijiet pubbliċi-privati b'mod ġenerali qegħdin jintużaw dejjem aktar mill-fassala tal-politika madwar id-dinja bħala għodda li tagħti r-riżultati fl-aġendi ta' tkabbir tagħhom. Il-valutazzjonijiet innutaw ukoll li s-sħubijiet pubbliċi-privati b'mod ġenerali, u l-ITKs b'mod partikulari, jirrappreżentaw mod innovattiv ta' implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Jiġbru flimkien dawk li huma minn ta' quddiem f'termini ta' riċerka u innovazzjoni fis-setturi

6 Il-valutazzjonijiet Interim tal-ITKs u r-rispons tal-Kummissjoni għalihom huma disponibbli fil-paġna http://ec.europa.eu/research/jti/index_en.cfm, bħal m'hu r-rapport tax-*Sherpa Group* tal-ITKs.

7 COM(2011) 572.

industrijali kkonċernati, u jippermettulhom jiffukaw u jorjentaw l-isforzi tagħhom fuq aġendi strateġiċi ta' riċerka u innovazzjoni.

Il-varar tal-ITKs tqieset iġġustifikat sew abbażi ta' fallimenti identifikati tas-suq, in-natura fit-tul tal-attivitajiet meħtieġa, u l-iskala tal-impenn meħtieġ biex jintlaħqu l-progressi kbar meħtieġa.

Fl-FP7, l-ITKs irrappreżentaw kontribut totali tal-Unjoni ta' EUR 3.12 biljun, flimkien ma' investiment mill-industrija ta' EUR 4.66 biljun. L-ITKs urew suċċess fil-ġibda ta' livell għoli ta' parteċipazzjoni tal-industrija fl-attivitajiet tagħhom, inklużi SMEs, li jirrappreżentaw madwar 28% tal-parteċipanti.

Barra minn hekk, anki jekk l-ITKs ilhom ftit żmien operattivi, il-valutazzjonijiet interim għarfu l-progress li sar u l-ewwel sinjali ta' impatt. L-ITK taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, pereżempju, implimentat portafoll sinifikanti ta' proġetti ta' importanza strateġika, u nkisbu ċerti applikazzjonijiet bikrija fis-suq, fosthom forklifts u unitajiet elettriċi żgħar ta' riżerva. Il-valutazzjoni interim tal-ITK Clean Sky ikkonfermat li din qiegħda tixpruna b'suċċess żviluppi lejn l-għanijiet strateġiċi tagħha, billi tiffoka fuq kunċetti teknoloġiċi ġodda u radikali. Għall-ITK tal-Mediċini Innovattivi, il-valutazzjoni interim innutat progress tajjeb fit-titjib tal-ekosistema għall-iżvilupp tad-drogi fl-Ewropa, ngħidu aħna permezz ta' sfruttar aħjar tad-dejta, approċċi aktar effettivi għat-tbassir tal-effetti ħżiena tad-drogi, l-iżvilupp ta' bijoindikaturi ġodda, u testijiet kliniċi orħos u aktar rapidi. Il-valutazzjonijiet interim tal-ITKs ENIAC u ARTEMIS saħqu fuq ir-rwol katalizzatur tagħhom fiż-żieda tal-impenn ta' impriżi mexxejja tas-settur privat f'qafas li fih l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u Ewropej jistgħu jappoġġjaw kwistjonijiet ta' valur strateġiku għoli. Ġie rrakkomandat bil-qawwi li titkompla inizjattiva simili fil-qafas ta' Orizzont 2020, billi l-ebda organizzazzjoni waħedha, u l-ebda Stat Membru waħdu, ma jista' jindirizza l-isfidi kollha tas-settur tal-elettronika fl-Ewropa.

Ir-rapporti u l-valutazzjonijiet interim indikaw ukoll ċerti nuqqasijiet fl-ITKs attwali. Dawn in-nuqqasijiet jikkonċernaw, b'mod partikulari, il-ħtieġa ta' impenji aktar stretti mill-imsieħba tal-industrija, b'kejl iktar ċar ta' dawn l-impenji, u bl-effett ta' tirfid assoċjat. Jeħtieġ ukoll li tingħata aktar ċarezza fir-rigward ta' kif l-ITKs huma stabbiliti, li jiġu stipulati għanijiet iktar ċari għalihom, u li jiġi żgurat aktar ftuħ lejn parteċipanti ġodda. Barra minn hekk, ir-rapport tax-*Sherpa Group* tal-ITKs għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex il-ġestjoni tal-ITKs tiġi ssimplifikata, inkluż permezz ta' qafas finanzjarju speċifiku adattat għall-bżonnijiet tagħhom. Il-partijiet interessati esprimew ukoll it-tħassib tagħhom dwar ir-regoli u l-proċeduri differenti li japplikaw għal kull ITK, u li jistgħu jvarjaw fost l-ITKs u fir-rigward ta' dawk applikabbli fil-qafas tal-FP7. Kull aspett ta' dan it-tħassib ġie indirizzat fl-ITKs proposti fil-qafas ta' Orizzont 2020.

## 4. INIZJATTIVI TEKNOLOĠIĊI KONĠUNTI F'ORIZZONT 2020

Il-qafas regolatorju propost għal Orizzont 2020 jagħti lok għal tipi ta' impenn estensiv bejn l-Unjoni u s-settur privat, inklużi Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 tat-TFUE. Dawn għandhom jindirizzaw l-għanijiet ta' Orizzont 2020, inkluża l-integrazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Ir-Regolament dwar Orizzont 2020 jistipula għadd ta' kriterji li għandhom jintlaħqu fl-għażla tal-oqsma għas-sħubijiet pubbliċi-privati. Il-leġiżlazzjoni tipprevedi wkoll sett waħdani ta' regoli li għandhom japplikaw għat-taqsimiet kollha ta' Orizzont 2020, inklużi l-ITKs, sakemm ma jkunx hemm ħtieġa ġustifikata tajjeb għal deroga speċifika.

### 4.1. L-identifikazzjoni tal-ITKs li għandhom jiġu stabbilti fil-bidu ta' Orizzont 2020

B'segwitu għall-esperjenza miksuba matul l-FP7, għall-bażi leġiżlattiva l-ġdida fil-qafas ta' Orizzont 2020, u għall-impenji ċari mill-imsieħba tal-industrija, il-Kummissjoni qiegħda tressaq proposti leġiżlattivi għall-ITKs li għandhom jiġu stabbiliti fil-bidu ta' Orizzont 2020. Il-ġustifikazzjoni sħiħa tal-inizjattivi proposti tingħata fid-dokumenti ta' valutazzjoni tal-impatt *ex-ante* mehmużin ma' din il-Komunikazzjoni.

L-ITKs kollha jindirizzaw teknoloġiji strateġiċi li għandhom jirfdu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi f'setturi globalment kompetittivi. Is-setturi kollha involuti diġà saru, jew qed isiru b'ritmu mgħaġġel, is-sisien ta' ekonomija Ewropea bbażata fuq l-għarfien. 'Il fuq minn erba' miljun ruħ huma impjegati bħalissa f'dawn is-setturi, u fil-każijiet kollha hemm swieq globali li qegħdin jikbru fejn l-industrija tal-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tikber, dejjem jekk jirnexxilha tibni u żżomm ċertu livell ta' tmexxija teknoloġika, u dejjem jekk ikun hemm rabtiet ċari mal-għanijiet tal-istrateġija tal-Ewropa 2020, bħalma jidher fil-figura hawn taħt. Hemm ħtieġa urġenti li jiġu żgurati l-investimenti l-kbar meħtieġa fl-Ewropa f'mument ta' riżorsi finanzjarji limitati. Barra minn hekk, dawk l-oqsma jbatu minn nuqqasijiet tas-suq identifikati sew, marbutin mar-riċerka u l-innovazzjoni riskjuża u fit-tul. Dan ikun ifisser li s-settur privat waħdu mhuwiex kapaċi jagħti l-impenn għar-riżorsi meħtieġa.




L-ITKs proposti jibnu fuq rekord ta' suċċess fil-qafas tal-FP7. Erbgħa minnhom jirrappreżentaw l-istadju li jmiss għall-ITKs stabbiliti fil-qafas tal-FP7 (inkluża l-ITK tas-sistemi u l-komponenti elettroniċi, li tgħaqqad l-ITKs ARTEMIS u ENIAC). L-ITK tal-Industriji Bijoteknoloġiċi ġiet identifikata bħala inizjattiva ġdida li ssegwi l-istraġija Ewropea tal-bijoekonomika[8].

Kull ITK proposta għandha għanijiet iddefiniti biċ-ċar, biex tikseb progressi fl-oqsma li ġejjin:

[8] COM(2012) 60.

– *Mediċini Innovattivi:* it-titjib tas-saħħa u l-benessri taċ-ċittadini Ewropej billi jiġu pprovduti dijanjożi u trattamenti ġodda u aktar effettivi, bħal trattamenti antimikrobiċi ġodda;

– *Ċelluli tal-fjuwil u tal-idroġenu:* l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet kummerċjalment vjabbli u nodfa li jużaw l-idroġenu bħala trasportatur tal-enerġija, u ta' ċelluli tal-fjuwil bħala konvertituri tal-enerġija;

– *Clean Sky:* it-tnaqqis radikali tal-impatt ambjentali tal-ġenerazzjoni l-ġdida tal-inġenji tal-ajru;

– *Industriji Bijoteknoloġiċi:* l-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur bijoteknoloġiċi ġodda u innovattivi, li jieħdu post il-ħtieġa għal fjuwils fossili, u li jkollhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp rurali;

– *Komponenti u Sistemi Elettroniċi:* iż-żamma tal-pożizzjoni tal-Ewropa fuq quddiem tas-settur tal-komponenti u sistemi elettroniċi, u t-tqassir tat-triq lejn l-isfruttar tagħhom.

Dawn il-ħames ITKs huma mistennija li jimmobilizzaw investiment totali ta' aktar minn EUR 17 biljun, li sa EUR 6.4 minnhom ikunu kontribut mingħand il-baġit tal-UE. It-tabella t'hawn taħt tipprovdi d-dettalji dwar l-investiment ta' kull waħda mill-ITKs.

| **ITK** | **Investiment f'ITK (EUR)** | |
|---|---|---|
| | **mill-UE (Orizzont 2020)** | **mill-imsieħba tal-industrija u sorsi oħra** |
| **Mediċini Innovattivi** | 1 725 miljun | 1 725 miljun |
| **Ċelluli tal-Fjuwil u tal-Idroġenu** | 700 miljun | 700 miljun[9] |
| **Clean Sky** | 1 800 miljun | 2 250 miljun |
| **Industriji bijoteknoloġiċi** | 1 000 miljun | 2 800 miljun |
| **Komponenti u Sistemi Elettroniċi:** | 1 215 miljun | 3 600 miljun[10] (li 1 200 miljun minnhom ġejjin mill-Istati Membri) |
| ***Total*** | ***6 440 miljun*** | ***9 875 miljun mill-industrija + 1 200 miljun mill-Istati Membri*** |

9 Dan l-ammont huwa magħmul minn kontributi mingħand il-membri tal-Impriża Konġunta jew l-entitajiet kostitwenti tagħhom (tal-anqas EUR 400 miljun), kif ukoll mingħand entitajiet li mhumiex membri, permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-istess attivitajiet.

10 Dan l-ammont huwa magħmul minn kontributi mingħand il-membri tal-Impriża Konġunta jew l-entitajiet kostitwenti tagħhom (tal-anqas EUR 1 700 miljun), kif ukoll mingħand entitajiet li mhumiex membri, permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-istess attivitajiet.

## 4.2. Karatteristiċi ewlenin tal-ITKs f'Orizzont 2020

Il-proposti tal-Kummissjoni jirrappreżentaw, b'mod sinifikanti, sħubijiet aktar ambizzjużi minn dawk tal-ġenerazzjoni attwali ta' ITKs.

**L-ITKs se jkollhom għanijiet iktar ċari u iktar ambizzjużi, li jikkontribwixxi direttament għall-kompetittività u għall-għanijiet ta' politika tal-UE.** Kull ITK għandha għanijiet speċifiċi li jistgħu jitkejlu u indikaturi ewlenin ta' rendiment, li se jippermetti monitoraġġ u evalwazzjoni aktar fil-qrib, L-għanijiet imorru ħafna lil hinn minn dawk stabbiliti għall-FP7. L-għanijiet jinkorporaw enfażi iktar qawwija fuq l-inovazzjoni u l-impatt, u jagħtu lok biex l-innovazzjoni taqbeż in-nasba kbira li hemm bejn ir-riċerka u l-applikazzjoni kummerċjali. Ngħidu aħna, l-għanijiet tal-ITK il-ġdida dwar iċ-Ċelluli tal-Fjuwil u l-Idroġenu jindirizzaw il-prezz u l-livelli ta' rendiment li għandhom jinqabżu sabiex it-teknoloġija tkun kummerċjalment vjabbli. Barra minn hekk, ħafna mill-għanijiet jappoġġjaw direttament l-għanijiet ta' politika tal-UE. Ngħida aħna, l-ITK tal-Industrija Bijoteknoloġika se tiżviluppa teknoloġiji li jippermettu l-produzzjoni ta' bijofjuwils minn uċuħ tar-raba' li mhumiex tal-ikel, u b'hekk il-bdiewa u l-industrija jkunu jistgħu jilħqu l-miri tal-UE fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli. Fl-aħħar, l-għanijiet jimmiraw l-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin ta' abilitazzjoni, bħall-elettronika, li jirfdu l-kompetittività ta' firxa wiesgħa ta' industriji Ewropej.

L-ITKs se jkollhom governanza aħjar biex jiżguraw il-ftuħ lejn parteċipanti ġodda, l-allokazzjoni ta' finanzjament abbażi tal-eċċellenza, u rabtiet aħjar mal-attivitajiet nazzjonali. Il-maġġoranza l-kbira tal-kontribut tal-UE se tiġi allokata permezz ta' sejħiet miftuħa għal proposti, essenzjalment bl-użu tal-istess regoli għal Orizzont 2020. Fil-każijiet kollha, l-inizjattivi huma miftuħin għal imsieħba ġodda. Pereżempju, l-ITK tal-Mediċini Innovattivi l-ġdida twarrab parti mill-kontribut tal-UE għal imsieħba ġodda. L-ITK ta' Clean Sky il-ġdida ser tmexxi proċess kompetittiv miftuħ biex tagħżel imsieħba ewlenin għall-attivitajiet u l-pjattaformi ta' turija tagħha. Ħafna mill-ITKs il-ġodda se jiffukaw aktar fuq attivitajiet ta' turija, u dan mistenni li jżid ir-relevanza għal firxa usa' ta' organizzazzjonijiet.

Il-JTIs fil-qafas ta' Orizzont 2020 se jimmiraw li jistabbilixxu rabta iktar fil-qrib ma' attivitajiet simili fil-livell tal-Istat Membru u fil-livell reġjunali. Għaldaqstant, għal kull ITK, se jissaħħaħ il-grupp ta' rappreżentanti tal-Istati Membri. Dawn il-gruppi se jiżvolġu rwol importanti ta' konsulenza, se jirċievu l-informazzjoni kollha dwar l-implimentazzjoni tal-ITKs, u se jintalbu li jinfurmaw lill-ITK b'attivitajiet nazzjonali rilevanti, filwaqt li jorbtu l-attivitajiet tal-ITK mal-mobilizzazzjoni iktar qrib il-klijent. Għall-ITK tal-Komponenti u s-Sistemi Elettroniċi b'mod partikulari, l-Istati Membri se jikkontribwixxu wkoll direttament għall-finanzjament tal-ITK.

Billi jorbtu, fejn xieraq, ma' mekkaniżmi ta' appoġġ għall-mobilizzazzjoni mingħand il-Fondi Strutturali u ta' Investiment, is-sinerġiji bejn l-azzjonijiet immexxija mill-Unjoni u bejn il-politiki ta' żvilupp tal-Istati Membri jew tar-reġjuni jistgħu jissaħħu, u jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jżidu l-kompetittività tagħhom u jindirizzaw aħjar l-isfida tal-investiment f'oqsma ta' prijorità rilevanti.

**Se tinkiseb simplifikazzjoni importanti, kemm f'termini ta' strutturi ta' implimentazzjoni, u kemm f'termini ta' regoli aktar sempliċi għall-parteċipanti.** L-ITKs fil-qafas ta' Orizzont 2020 se jgawdu minn għadd ta' karatteristiċi ta' implimentazzjoni li se jagħmluhom iktar xierqa għall-għan tagħhom[11]. Dan jinkludi:

[11] Kif mitlub mix-*Sherpa Report* tal-ITKs: http://ec.europa.eu/research/jti/pdf/jti-sherpas-report-2010_en.pdf

– qafas legali li huwa iktar adattat għall-involviment industrijali qawwi u għas-simplifikazzjoni qawwija miksubin billi jintużaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolament Finanzjarju (fejn dispożizzjonijiet iddedikati dwar is-sħubijiet pubbliċi-privati ġew inklużi, b'mod li jippermettu l-implimentazzjoni tax-xenarju "ideali" għall-ITKs, eż. ir-rikonoxximent espliċitu tal-ITKs bħala entitajiet ta' sħubija pubblika-privata, bil-possibbiltà li jadottaw Regolament Finanzjarju 'ħafif' tagħhom stess, adattat għall-bżonnijiet speċifiċi tagħhom); u

– l-applikazzjoni uniformi tar-Regoli ta' Parteċipazzjoni f'Orizzont 2020, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità ta' tbassir għall-parteċipanti, b'derogi biss f'każijiet eċċezzjonali ħafna u ġġustifikati kif xieraq. Dan se jfisser li l-ITKs igawdu mis-semplifikazzjonijiet kbar li għandhom jiġu introdotti f'Orizzont 2020.

**L-ITKs jinkorporaw impenji iktar qawwija mill-industrija, inklużi impenji finanzjarji sostanzjali li tal-anqas huma ekwivalenti għall-kontribut mill-baġit tal-UE.** Fost l-ITKs kollha, l-impenji diretti tal-industrija jilħqu total ta' kważi EUR 10 biljun. Kif kien il-każ fl-FP7, uħud minn dawn l-impenji se jiġu mill-kostijiet tal-iffinanzjar ta' proġetti li jirriżultaw mis-sejħiet maħruġa permezz tal-ITK, u li ma jiġux żborżati għalkollox bil-kontribut tal-UE. Barra minn hekk, l-imsieħba industrijali se tagħmel impenji lil hinn minn dawn l-arranġamenti normali ta' kofinanzjament, fejn se jdaħħlu attivitajiet u investiment li mhuma se jirċievu l-ebda ħlas lura minn Orizzont 2020. Pereżempju, fil-każ tal-ITK taċ-Ċelluli tal-Fjuwils u tal-Idroġenu, il-kontribut attwali mill-industrija ġej l-aktar permezz tal-parteċipazzjoni tagħha f'attivitajiet kofinanzjati, filwaqt li għall-ITK tal-futur, dan it-tip ta' kontribut se jiżdied b'tal-anqas EUR 300 miljun f'impenji addizzjonali. Fil-każ tal-ITK Clean Sky, dawn l-impenji addizzjonali joqorbu l-EUR 1 biljun, u għall-ITK tal-Industrriji Bijoteknoloġiċi, huma tal-anqas EUR 1.8 biljun. Dawn l-impenji addizzjonali se jkunu marbutin direttament mal-għanijiet tal-ITK, u se jikkontribwixxu għall-kisba taħghom. L-imsieħba industrijali se jagħmlu impenji speċifiċi ta' dan it-tip bħala parti mill-proċess ta' implimentazzjoni annwali, u mbagħad se jkunu soġġetti għal verifika u monitoraġġ. F'każ li l-impenji tal-industrija ma jilħqux il-livelli meħtieġa, il-Kummissjoni jkollha d-dritt li tnaqqas jew tirtira l-kontribut tal-UE, jew li twettaq l-istralċ tal-Impriża Konġunta. Dan jipprovdi l-flessibbiltà meħtiġa f'każ li jsiru bidliet kbar mhux mistennija li jnaqqsu r-rilevanza tal-għanijiet tal-ITKs.

## 5. SĦUBIJIET OĦRA F'ORIZZONT 2020

### 5.1. Sħubijiet pubbliċi-privati kuntrattwali

B'kumplament mal-ITKs, fl-FP7, il-Kummissjoni ntrabtet ukoll fi sħubijiet strutturati mas-settur privat biex tfittex input dirett fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma f'oqsma li ġew iddefiniti minn qabel, u li huma ta' rilevanza industrijali akbar. B'differenza mill-ITKs, tali sħubijiet ma jeħtiġux leġiżlazzjoni addizzjonali, għaliex il-finanzjament huwa implimentat mill-Kummissjoni permezz tal-proċeduri normali.

Tliet sħubijiet ta' dan it-tip ġew varati fil-qafas tal-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku[12], u ġew implimentati permezz ta' sejħiet b'kontribut totali tal-Unjoni ta' EUR 1.6 biljun. Is-sejħiet kienu relevanti ħafna għall-industrija, b'madwar nofs il-finanzjament tal-proġett allokat lill-industrija, u madwar 30% lill-SMEs[13].

[12] COM(2008) 800.

[13] Barra minn hekk, għall-inizjattiva tal-Internet tal-Ġejjieni, l-Unjoni investiet EUR 300 miljun, li minnu 50% mar għall-industrija.

Abbażi ta' din l-esperjenza, il-proposti ta' Orizzont 2020 jagħtu lok ukoll għal tali sħubijiet. Biex tittejjeb it-trasparenza, dawn is-sħubijiet se jkunu msejsa fuq ftehim kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u l-imsieħba tal-industrija, li jistipula l-għanijiet, l-impenji, l-indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni, u r-riżultati li għandhom jingħataw.

Is-sħubijiet pubbliċi-privati kuntrattwali qegħdin jitqiesu fl-oqsma li ġejjin:

– Fabbriki tal-Futur;

– Bini effiċjenti fl-użu tal-Enerġija;

– Vetturi Ekoloġiċi;

– Internet tal-Ġejjieni[14]:

– Industrija tal-Ipproċessar Sostenibbli;

– Robotika;

– Fotonika;

– Informatika ta' Prestazzjoni Għolja.

L-ewwel erba' oqsma jkunu jixprunaw 'il quddiem sħubijiet pubbliċi-privati stabbiliti fil-qafas tal-FP7. Fil-każijiet kollha, jirrappreżentaw partijiet kbar tal-ekonomija Ewropea, u l-ħtieġa għal sħubijiet pubbliċi-privati ġiet identifikata f'dokumenti tal-Kummissjoni, bħall-Komunikazzjoni dwar aġġornament tal-Politika Industrijali, il-Komunikazzjoni fwar Strateġija Ewropea dwar Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali[15], il-Komunikazjoni dwar l-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja[16], jew il-proposti għal Orizzont 2020.

Għal kull wieħed minn dawn l-oqsma, il-proposti tal-industrija mistennija li jipprovdu pjanijiet direzzjonali ċari, żviluppati f'konsultazzjoni miftuħa ma' partijiet interessati oħra, li jiddeskrivu l-viżjoni, il-kontenut ta' riċerka u ta' innovazzjoni, kif ukoll l-impatt mistenni, inkluż f'termini ta' tkabbir u ħolqien ta' impjiegi. Mistennija wkoll jiċċaraw in-natura u l-estensjoni tal-impenji tal-industrija, kif ukoll l-effett ta' tirfid tas-sħubijiet pubblika-privata. Se jiffukaw b'mod partikulari fuq attivitajiet qrib is-suq.

Barra minn hekk, is-sħubijiet pubbliċi-privati għandhom jimmiraw ukoll li jisfruttaw sinerġiji ma' Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, b'mod speċifiku b'rabta mal-istrateġiji reġjunali u nazzjonali dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti.

Il-Kummissjoni se tanalizza l-proposti tal-industrija, inkluż bl-użu ta' għarfien espert estern, skont il-kriterji stipulati fil-qafas tar-Regolament dwar Orizzont 2020. Fil-każ ta' analiżi pożittiva, li r-riżultati se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, jiġi konkluż Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kummissjoni u bejn l-imsieħba privati, abbażi ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Dak il-Memorandum ta' Ftehim għandu jistipula:

– L-għanijiet ġenerali u speċifiċi tas-sħubija;

– L-impenji li jkunu saru mill-imsieħba privati, li mistennija jkunu sostanzjali, u f'livell paragunabbli mal-kontribut previst tal-Unjoni, u li jistgħu jinkludu l-kostijiet amministrattivi tas-sħubija pubblika-privata, kif ukoll attivitajiet ta' turija, taħriġ, raggruppar, tqajjim ta' kuxjenza u monitoraġġ iffinanzjati mill-industrija;

[14] Segwitu għas-sħubija pubblika-privata tal-Internet tal-Ġejjieni li għaddejja bħalissa, b'enfażi fuq l-infrastrutturi 5G bil-fili u mingħajr fili.
[15] COM(2012) 341.
[16] COM(2012) 45.

– L-indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni u r-riżultati mistennija, inklużi l-impatti f'termini ta' sfruttar fl-Ewropa;

– Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-kontribut tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2020 (soġġett għall-approvazzjoni mill-Awtorità Baġitarji permezz tal-proċedura baġitarja annwali);

– Mekkaniżmu ta' monitoraġġ u reviżjoni, bl-użu ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, u bil-possibbiltà ta' aġġustament. Dan se jipprovdu wkoll il-bażi biex il-Kummissjoni ttemm sħubija f'każ li l-imsieħba tal-industrija jonqsu milli jaqdu l-impenji tagħhom;

– L-istruttura ta' governanza, inkluż il-mekkaniżmu li bih il-Kummissjoni tfittex konsulenza mill-imsieħba privati dwar l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li għandhom jiġu proposti għall-appoġġ finanzjarju fil-qafas ta' Orizzont 2020.

Għal dawk l-oqsma fejn il-proposta tal-industrija tiġi vvalutata u jinstab li tilħaq il-kriterji meħtieġa, il-Kummissjoni se timmira li tikkonkludi l-Memorandum ta' Ftehim meħtieġ fil-ħin sabiex jitvaraw l-attivitajiet tas-sħubijiet pubbliċi-privati fl-ewwel programm ta' ħidma ta' Orizzont 2020.

## 5.2. Sħubijiet pubbliċi-privati u oħrajn

Il-Kummissjoni se tuża wkoll forom oħra ta' sħubija għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020. Qiegħda tressaq erba' proposti leġiżlattivi biex tistabbilixxi sħubijiet pubbliċi-privati ma' Stati Membri skont l-Artikolu 185 tat-TFUE, għall-implimentazzjoni konġunta ta' programmi nazzjonali ta' riċerka. Dawn il-proposti jkopru:

– *It-tieni Sħubija Ewropea u tal-Pajjiżi li Qegħdin Jiżviluppaw fil-Provi Kliniċi:* bil-għan li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piż soċjali u ekonomiku tal-mard marbut mal-faqar;

– *Il-Programm Ewropew ta' Riċerka u Innovazzjoni dwar il-Metroloġija:* bil-għan li jipprovdi soluzzjonijiet metroloġiċi adegwati, integrati u xierqa għall-objettiv tagħhom, li jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-kompetittività industrjali, kif ukoll teknoloġiji ta' kejl li jindirizzaw sfidi soċjetali bħall-enerġija, l-ambjent u s-saħħa;

– *Eurostars 2*: bil-għan li jistimola t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, billi jsaħħaħ il-kompetittività ta' SMEs li jwettqu Riċerka u Żvilupp;

– *Il-Programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għajxien Attiv u Megħjun (Active and Assisted Living):* bil-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-anzjani u għal min jieħu ħsiebhom, u li jżid is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' kura billi jsaħħaħ id-disponibbiltà ta' prodotti u servizzi bbażati fuq it-teknoloġiji informatiċi għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu.

Minbarra s-sħubijiet pubbliċi-privati, Orizzont 2020 se juża wkoll il-konsulenza li tiġi minn forom oħra ta' sħubija, bħas-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni[17] u l-Inizjattivi għall-Ipprogrammar Konġunt[18], kif ukoll mill-Pjattaformi Ewropej għat-Teknoloġija. Ukoll fil-qafas ta' Orizzont 2020, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija se jistabbilixxi Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni[19] li jiġbru flimkien, fi sħubijiet strutturati fit-tul, is-setturi tat-tagħlim, ir-riċerka u n-negozju.

17 http://ec.europa.eu/research/innovation-union/index_en.cfm?pg=eip
18 http://ec.europa.eu/research/era/joint-programming_en.html
19 http://eit.europa.eu/kics/

Iż-żewġ Inizjattivi Ewlenin dwar it-Teknoloġiji futuri u emerġenti (FET)[20], *Graphene* u *Human Brain Project*, jimmiraw li joħolqu sħubijiet Ewropej fit-tul u fuq skala kbira. Jikkomplementaw is-sħubijiet pubbliċi-privati billi huma xprunati mix-xjenza sa mill-bidu nett, filwaqt li l-parteċipazzjoni industrjali tibqa' tiżdied progressivament tul l-għaxar snin tal-Inizjattivi.

Apparti l-ITKs, l-Impriża Konġunta SESAR[21] (Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew) ġiet stabbilita bħala forma oħra ta' sħubija pubblika-privata abbażi tal-Artikolu 187 tat-TFUE, bil-għan li tikkoordina l-proġett tas-SESAR, il-pilastru tekniku tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew, li timmira li timmodernizza l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa. Minħabba l-attivitajiet tagħha speċifikament orjentati lejn il-politika, l-inizjattiva SESAR ma nħolqitx bħala ITK, għalkemm iżżomm rabtiet mill-qrib mal-ITK *Clean Sky*. Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li testendi l-Impriża Konġunta ta' SESAR fil-qafas ta' Orizzont 2020. Din l-estensjoni se tiżgura li l-koordinazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru titkompla fil-qafas ta' Orizzont 2020, f'konsistenza sħiħa mal-għanijiet ta' politika tal-Ajru Uniku Ewropew (SES).

## 6. PROSPETTI

Is-sħubijiet pubbliċi-privati b'input u impenn qawwi mill-industrija huma elementi indispensabbli għall-ksib tal-għanijiet ta' Orizzont 2020 u tal-istrateġija Ewropa 2020. Din il-Komunikazzjoni spjegat kif se jissaħħaħ l-approċċ għas-sħubijiet pubbliċi-privati fil-qafas ta' Orizzont 2020, abbażi ta' aktar trasparenza, għanijiet aktar ċari, enfażi iktar qawwija fuq attivitajiet qrib is-suq, impenn iktar qawwi tal-industrija, u simplifikazzjoni maġġuri.

L-attivitajiet tal-ITKs, is-sħubijiet pubbliċi-privati kuntrattwali, is-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi, u inizjattivi oħra marbutin magħhom, fosthom l-Inizjattivi ta' Programmar Konġunt, il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, jew is-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni, se jiġu implimentati b'mod li jkattar kemm jista' jkun is-sinerġiji u l-impatt globali, b'mod partikulari fejn jindirizzaw għanijiet komuni. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ il-possibbiltajiet offruti mill-fatt li l-finanzjament kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell tal-UE ngabar fi programm wieħed, Orizzont 2020. Għandhom jitfittxu sinerġiji speċjalment fil-konnessjoni bejn attivitajiet differenti tul iċ-ċiklu tal-innovazzjoni, minn riżultati tar-riċerka għal attivitajiet aktar qrib is-suq, sabiex jiġu xprunati l-intraprenditorija u l-ħolqien tan-negozju f'oqsma ta' rilevanza kbira għall-ekonomija Ewropea.

Fid-dawl tal-impatt qawwi tagħhom fuq l-impjiegi u t-tkabbir, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jikkonkludu d-deċiżjonijiet leġiżlattivi meħtieġa biex dawn is-sħubijiet jitvaraw fil-bidu tal-programm Orizzont 2020. Permezz tal-arranġamenti proposti ta' governanza, il-Kummissjoni se timmonitorja, tirapporta u tivvaluta regolarment il-progress tal-ITKs u ta' sħubijiet oħra.

L-esperjenza turi li l-istabbiliment ta' Impriżi Konġunti jirrekjedi żmien u sforzi sinifikanti, u għandu jitfittex biss fejn ikun hemm għan strateġiku ewlieni ta' riċerka u innovazzjoni li ma jkunx jista' jintlaħaq permezz tal-implimentazzjoni normali ta' Orizzont 2020. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tqis il-ħtieġa ta' inizjattivi futuri bħal dawn biss fejn ikun hemm każ ċar imsejjes fuq il-kriterji skont Orizzont 2020, u ħtieġa ta' politika strateġika ċara. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-iskala tal-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni, kif ukoll il-ħtieġa politika

[20] http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/fet-flagships
[21] http://www.sesarju.eu/

li tiġi kkompletata ż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u li titrawwem il-kapaċità ta' tmexxija tal-UE fit-teknoloġiji ferrovjarji, flimkien jifformaw każ konvinċenti għal Impriża Konġunta potenzjali fis-settur ferrovjarju, u se taħdem id f'id mal-industrija biex tfassal proposta.